



Brussell, 29 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14603/19

ESPACE 95
RECH 508
COMPET 774
MI 821
IND 295
ENV 961
EU-GNSS 45
TRANS 556
TELECOM 373
ENER 523
EMPL 587
CSDP/PSDC 554
CFSP/PESC 911

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	29 ta' Novembru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	13996/19
Suġġett:	"Soluzzjonijiet spazjali għal Artiku sostenibbli" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fit-28/05/2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Soluzzjonijiet spazjali għal Artiku sostenibbli", adottati mill-Kunsill fit-3733 laqgħa tiegħu li saret fid-29 ta' Novembru 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Soluzzjonijiet spazjali għal Artiku sostenibbli"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR

- A. fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jistabbilixxi kompetenza tal-UE fil-qasam tal-Ispazju¹;
 - B. fil-Komunikazzjoni Konġunta dwar Politika integrata tal-Unjoni Ewropea għall-Artiku² adottata fis-27 ta' April 2016 mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli kif ukoll fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2014 dwar l-iżvilupp ta' politika tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tar-Reġjun Artiku³ u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Artiku tal-20 ta' Ġunju 2016⁴;
 - C. fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Spazjali għall-Ewropa adottata fis-26 ta' Ottubru 2016⁵ u fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Strateġija Spazjali għall-Ewropa" tat-30 ta' Mejju 2017⁶;
-
- 1. JENFASIZZA li s-soluzzjonijiet spazjali għandhom rwol kruċjali għall-oqsma ta' prijarità tal-politika tal-UE dwar l-Artiku: il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima u s-salvagwardja tal-Ambjent tal-Artiku; l-iżgurar tal-iżvilupp sostenibbli fl-Artiku u madwaru; kif ukoll l-avvanz fil-kollaborazzjoni internazzjonali dwar kwistjonijiet tal-Artiku;

¹ B'mod partikolari l-Artikoli 4 u 189.

² dok. 8408/16.

³ dok. 9746/14.

⁴ dok. 10400/16.

⁵ dok. 13758/16.

⁶ dok. 9817/17.

2. JIRRIKONOXXI lill-Artiku bħala żona vasta b'densità baxxa ta' popolazzjoni u li attwalment punti ta' osservazzjoni limitati jistgħu jibbenefikaw ħafna mis-servizzi bbażati fl-ispazju; JINNOTA li ħafna mill-isfidi u l-ħtiġijiet tal-Artiku huma simili għal dawk ta' żoni kostali u remoti, ibħra u oċeani oħra u li s-sinerġiji u l-koordinazzjoni għandhom jiġu msaħħa flimkien ma' inizjattivi reġjonali oħra, inkluż dawk għall-ġestjoni marittima integrata; JENFASIZZA li l-osservazzjoni tad-Dinja, in-navigazzjoni bis-satellita, il-komunikazzjonijiet bis-satellita, u l-osservazzjonijiet tat-temp mill-ispazju li jkopru l-Artiku diġà jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi fir-reġjun jew għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għalih;
3. JINNOTA li l-effetti tat-tibdil fil-klima qed ibiddlu l-ambjent tal-Artiku b'mod rapidu u drammatiku; JIRRIKONOXXI s-sinifikat ta' dawn il-bidliet għall-Ewropa kif ukoll globalment u JENFASIZZA r-rwol tal-kapaċitajiet spazjali fil-monitoraġġ ta' dawn il-bidliet;
4. JINNOTA li l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-Programm Spazjali tal-UE⁷ tirrikonoxxi l-importanza tar-reġjun tal-Artiku u dak Polari filwaqt li l-Politika tal-UE dwar l-Artiku tirrikonoxxi l-importanza tal-programmi spazjali Ewropej; JIRRIKONOXXI li l-Ewropa diġà għandha kapaċitajiet eċċezzjonali, b'mod partikolari fl-osservazzjoni tad-Dinja u n-navigazzjoni bis-satellita, li jkopru l-Artiku;
5. JIRRIKONOXXI li s-satelliti Sentinel ta' Copernicus, f'orbiti polari, flimkien mal-missjonijiet kontribwenti ta' Copernicus, diġà jagħtu kontribut siewi fir-reġjun tal-Artiku; JINNOTA li s-sitt servizzi tematiċi ta' Copernicus iwieġbu għall-ħtiġijiet tal-utenti fl-oqsma tal-monitoraġġ tal-atmosfera, tal-monitoraġġ tal-ambjent tal-baħar, tal-monitoraġġ tal-art, tat-tibdil fil-klima, tal-ġestjoni tal-emerġenzi u s-sigurtà;

⁷ dok. 9898/18.

6. JIRRIKONOXXI li għad fadal lakuni fil-kapaċitajiet u s-servizzi ta' monitoraġġ, inkluż fil-monitoraġġ b'riżoluzzjoni għolja tal-gassijiet serra u fis-servizzi klimatiċi, u għaldaqstant JILQA' l-evoluzzjoni ta' Copernicus, biex jiġu indirizzati b'mod partikolari l-oġettivi li tqajmu fil-Politika tal-UE dwar l-Artiku u biex jiġi żgurat monitoraġġ operazzjonali, affidabbli, stabbli u kontinwu tal-varjabbli ewlenin, inkluż it-temperatura u s-salinità tal-ilma tal-Baħar Artiku, il-preċipitazzjoni, it-tibdil fl-ilma ħelu, l-estensjoni tas-silġ fil-baħar u l-livelli tal-gassijiet serra, bħas-CO2 u l-metan u l-possibbiltà li jiġu żviluppati missjonijiet u servizzi ddedikati ta' Copernicus, abbażi tar-rieżami tal-arkitettura tal-ASE u ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni fl-2021 kif ukoll tal-analiżi abitwali tar-rekwiżiti tal-utent;
7. JIRRIKONOXXI d-disponibbiltà ta' kwantità kbira ta' data ta' osservazzjoni tad-Dinja, inkluż tar-reġjun tal-Artiku, u JILQA' l-isfruttament tagħha sabiex jiġu żviluppati applikazzjonijiet u servizzi downstream ġodda li jrawmu l-kompetittività Ewropea, b'mod partikolari l-SMEs, u l-impriżi spin off;
8. JINNOTA li minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi u l-kobor taż-żona tal-Artiku, navigazzjoni preċiża u sikura għal mezzi differenti ta' trasport kif ukoll għat-tiftix u s-salvataġġ huma vitali, JISSOTTOLINJA li Galileo jipprovdi data preċiża ħafna dwar il-pożizzjonament u l-miżurazzjoni tal-ħin għar-reġjun tal-Artiku kif ukoll il-kapaċità ta' Tfittxija u Salvataġġ u JFAKKAR li l-ħtiġijiet tal-Artiku għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġu żviluppati s-servizzi futuri ta' Galileo, inkluż is-Servizz ta' Akkuratezza Għolja (HAS) ta' Galileo;
9. IFAKKAR fl-importanza tas-sinerġiji bejn Galileo u Copernicus għal operazzjonijiet ta' trasport sikur, attivitajiet ekonomiċi u monitoraġġ ambjentali, li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-utenti li jinsabu fir-reġjun tal-Artiku u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija Ewropea GNSS, l-ASE, l-EUMETSAT u l-entitajiet fdati l-oħra ta' Copernicus, skont il-missjonijiet rispettivi tagħhom, biex jagħmlu użu minn sinerġiji bħal dawn meta jiżviluppaw applikazzjonijiet, prodotti u servizzi "multidimensjonali" (pożizzjonament/osservazzjoni tad-Dinja/komunikazzjonijiet bis-satellita);

10. JIRRIKONOXXI li għalkemm is-servizzi EGNOS ġew estiżi f'Marzu 2019 biex ikopru l-parti l-kbira taż-żona tat-Tramuntana tal-UE fl-Artiku, għad fadal lakuni fil-livell ta' servizz u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tiżgura, li jiġu pprovduti s-servizzi EGNOS għat-territorju tal-Istati Membri kollha li jinsabu ġeografikament fl-Ewropa, f'konformità mal-qafas legali applikabbli, malajr kemm jista' jkun;
11. JINNOTA li t-temp spazjali jista' jikkawża periklu għall-infrastruttura bbażata fl-ispazju u fuq l-art li jwassal għal tfixkil potenzjali tal-funzjonament bla xkiel tas-soċjetà fl-Artiku, li jaffettwa kemm lill-komunitajiet lokali kif ukoll attivitajiet oħra fl-Artiku (interruzzjoni tan-navigazzjoni bis-satellita u komunikazzjoni li tħalli impatt fuq titjiriet polari, interruzzjoni tal-grilji tal-enerġija); JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni, fi ħdan il-komponent ta' Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju (SSA) tal-Programm Spazjali tal-UE, biex ittejjeb l-osservazzjoni u l-fehim ta' avvenimenti tat-temp fl-ispazju, li jippermettu t-tħejjija u l-prevenzjoni tal-effetti tagħhom;
12. JENFASIZZA li n-nuqqas ta' sistemi ta' komunikazzjoni terrestri fir-reġjun tal-Artiku jfisser li l-infrastruttura spazjali ser ikollha rwol dejjem aktar importanti fl-iżgurar ta' komunikazzjoni affidabbli u konnettività tan-netwerk b'veloċità għolja; JINNOTA li d-disponibbiltà tal-kapaċità ta' komunikazzjoni kontinwa bis-satellita fl-Artiku għad għandha lakuni u li tali lakuni fil-konnettività għandhom konsegwenzi għar-reġjun tal-Artiku biex jadattaw għal soċjetà u ekonomija li qed isiru dejjem aktar diġitali; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tanalizza aktar kif din il-kapaċità tista' tiġi żviluppata biex jiġi żgurat approċċ koerenti fil-komponenti kollha tal-Programm Spazjali tal-UE; JINNOTA li fil-ġejjieni, il-komponent tal-GovSatCom tal-Programm Spazjali tal-UE jista' jipprovdi soluzzjonijiet għall-ħtiġijiet ta' komunikazzjoni sikura għall-awtoritajiet pubbliċi fir-reġjun, b'mod partikolari fir-rigward ta' komunikazzjoni assoċjata mat-tfittxija u s-salvataġġ;

13. JINNOTA li s-servizzi tat-tbassir tat-temp meteoroloġiku fl-Artiku jistgħu jitjiebu aktar u JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri, l-ASE, l-EUMETSAT u lill-ECMWF⁸; biex janalizzaw aktar dawg il-ħtiġijiet, il-possibilitajiet u l-effiċjenza biex jiġi promoss l-iżvilupp ta' tali servizzi, fejn rilevanti wkoll bl-użu ta' osservazzjonijiet eżistenti u futuri potenzjali ta' Sentinel;
14. JIRRIKONOXXI li r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni għall-ispazju u l-Artiku huma mħeġġa u skjerati permezz ta' programmi rilevanti tal-Unjoni, bħal Orizzont Ewropa, inkluż kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi terzi;
15. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea GNSS biex jikkollaboraw b'mod attiv mal-ASE, l-EUMETSAT u entitajiet fdati oħra ta' Copernicus, skont il-missjonijiet rispettivi tagħhom filwaqt li jiġu evitati trikkib u duplikazzjonijiet bla bżonn, flimkien mas-sħab internazzjonali tagħhom u b'mod partikolari mal-komunitajiet lokali u l-popli indiġeni, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-utenti, biex irawmu soluzzjonijiet spazjali għal Artiku sostenibbli;
16. JIRRIKONOXXI li l-opportunitajiet ipprovduti minn Spazju Ġdid jistgħu jrawmu l-forniment ta' servizzi u soluzzjonijiet spazjali għall-ħtiġijiet tal-Artiku u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea GNSS flimkien mal-ASE biex itejbu b'mod attiv tali opportunitajiet skont il-missjonijiet rispettivi tagħhom u filwaqt li jiġu evitati trikkib u duplikazzjonijiet bla bżonn;
17. JIRRAKKOMANDA li l-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jikkunsidraw li jaġġornaw il-Komunikazzjoni Konġunta tal-2016 biex jitqiesu l-isfidi u l-opportunitajiet ġodda, inkluż fir-rigward ta' soluzzjonijiet spazjali, fl-Artiku, u l-interess internazzjonali li dejjem qed jikber.

⁸ Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Meteoroloġiċi fuq Perijodu Medju.